# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

22 ta' April 2026

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 23;
24.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
24.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
24.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
24.6 Attivitajiet Jum Sannat, Wine Festival, Tigrija, Festa Santa Margerita u Beer Festival ;
24.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
24.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
24.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss;

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 24.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

24.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 23

24.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.23 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 24.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li l-korporazzjoni ta’ l-ilma għamlet xogħlijiet marbuta ma’ servizzi ġodda ta’ drenaġġ u ilma li saru f’diversi toroq f’ Ta’ Sannat, fosthom Triq Dun Luqa. Rigward din it-triq, l-korporazzjoni EneMalta plc. għamlet talba biex jgħaddu xi cables tad-dawl taħt l-art. Is-sindku talab li jsir laqgħa ma’ l-inġinier tal-korporazzjoni EneMalta plc. biex ikun jista’ jsibu kompromess u ftehim rigward l-asfaltar tat-triq wara li jitpoġġew il-cables taħt l-art.

24.3.2 Marbuta ma’ Triq it-Tempju ta’ l-Imramma, l-kunsill dan l-aħħar irċieva numru ta’ lmenti fuq din it-triq, fosthom xewqat li din it-triq tiġi asfaltata peress li din hija triq ġdida. Il-sindku qal, li kif semma f’laqgħat preċedenti, il-kunsill għamel pressjoni mal-ministeru għal Għawdex biex din it-triq jsir. Is-sindku kkonferma, li l-ministeru għal Għawdex laqa’ it-talba tal-kunsill, u fil-jiem li ġejjin se jibdew ix-xogħlijiet. Għal kunsill, din it-triq hija importanti ħafna għax hekk ikun jista’ jibda jgħaddi t-transport pubbliku u kif ukoll jibda jitħaddem it-*traffic management plan* il-ġdid. Il-kunsillier Bajada saqsa, jekk il-kunsill għandhux data meta se jibdew ix-xogħlijiet, pero’, is-sindku qal, li dan jiddependi mill-kuntrattur inkarigat.

24.3.3 Il-binja tal-kunsill qed tospita korsijiet marbuta ma’ *sensory play*, liema korsijiet qed jintlaqgħu tajjeb ħafna. Il-kunsill qed jirċievi numru ta’ messaġġi mingħand persuni, jistaqsu jekk dawn il-korsijiet humiex se jitkomplew fis-sajf. Is-sindku qal, li min jattendi l-kors irid jagħti donazzjoni ta’ għaxar (10) ewro u għalhekk qed jissuġġerixxi, li bħala l-kunsill jorganizza dan il-kors fis-sajf mingħajr ħlas u hekk ikun servizz addizzjonali li joffri l-kunsill. Il-viċi sindku ssuġġerixxa, li min irid, jagħti donazzjoni li tmur għal-Puttinu Cares jew Community Chest Fund. L-ewwel prijorità se tingħata lit-tfal li jgħixu fil-lokalità ta’ Sannat b’mod permanenti, iżda jekk ikun hemm postijiet disponibbli, jiġu applikati fuq bażi ta’ “first come, first served”. Il-kunsilliera qablu ma’ din il-proposta, u se jsir avviż fuq il-paġna soċjali tal-kunsill.

24.3.4 Rigward il-monument propost fid-daħla tar-raħal, il-kunsill qed jistenna l-abbozz mingħand l-artist. Sinċerament, l-artist xtaq li jkun hemm dimensjoni u żona ikbar fejn se jitpoġġa dan il-monument sabiex joħroġ id-dimensjoni vera tiegħu. Naturalment, trid issir diskussjoni mal-perit u ma' Transport Malta biex jaraw jekk tistax issir. L-artist xorta se jkompli jaħdem fuq dan l-abbozz, biex ikun jista' jiġi muri waqt laqgħa tal-kunsill għall-approvazzjoni.

24.3.5 Fi Triq Dun Luqa, hemm sqaq dead end wiesa', li l-wiċċ tat-triq jinsab fi stat prekarju. Il-viċi sindku wkoll kellu talba mingħand resident fuq dan l-isqaq, kif ukoll biex titranġa l-bankina. Is-sindku ssuġġerixxa li ssir talba biex jiġu akkwistati fondi tad-DPF u b'hekk ikun jista' jsir il-wiċċ tat-triq, bħal ma sar fl-isqaq ta' Dun Anastas u fi Triq Kalati, b'monolithic concrete.

24.3.7 Rigward il-belveder ta' Triq Dun Luqa, il-kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand *Project Green* li kull ma jonqos hu li jiġi ffirmat minn naħa tagħhom, sabiex eventwalment il-kunsill ikun jista' jibda dan il-proġett.

24.3.8 Qed isir sforz kbir marbut mal-indafa fir-raħal. Fil-fatt, saret skeda ta' tindif tat-toroq u meta jidħol ilment, il-kunsill qed jieħu azzjoni mill-ewwel. Is-sindku qal li, ovvjament, hemm min qed joħroġ il-borża taż-żibel mhux skont l-iskeda tal-ġbir taż-żibel. Is-sindku saħaq li kellmitu persuna fi Triq Xamgħan li kellem direttament lil persuna oħra li ħarġet iż-żibel mhux fil-ġurnata tal-ġbir, iżda sfortunatament dawn l-abbużi għadhom iseħħu sal-lum. Il-*community police* huwa nfurmat li jekk ikun hemm persuni li joħorġu boroż mhux skont l-iskeda, dik il-persuna tiġi mwissija, dejjem jekk jinqabad fil-fatt. Il-viċi sindku qal li għandu fil-pussess tiegħu video ta' persuna tarmi żibel illegalment, u se jmur jagħmel rapport fl-għassa tal-pulizija sabiex huma jmexxu l-każ jew inkella jibagħtuh lil LESA. Il-kunsill m'għandux joqgħod jiġbor il-boroż li jitħallew fit-triq barra mill-iskeda, għax inkella dan isir drawwa. Is-sindku qal li l-indafa hija responsabbiltà ta' kulħadd u jrid ikun hemm il-kooperazzjoni ta' kulħadd. Semma wkoll li kellu komunikazzjoni ma' persuna li talbet li jsir l-asfaltar ta' Triq it-Tempju tal-Imramma, iżda waqt li s-sindku rrikonoxxa dan il-bżonn, kien diżappuntat kif din il-persuna partikolari ma tiddejjaqx tarmi ż-żibel barra. Semma wkoll li hemm garaxx f'din it-triq mimli boroż tal-iskart, u l-ġarr tiegħu qed jinkwieta li jista' jieħu n-nar. Il-kunsill qed jagħmel l-impossibbli biex iżomm ir-raħal nadif. Il-kunsilliera Cassar Sultana ħeġġet lis-sindku biex f'Jum Sannat ifakkar lir-residenti fir-responsabbiltà ta' kulħadd biex iżommu r-raħal nadif. Is-servizz ta' skip kull nhar ta' Sibt qed jintuża b'mod għaqli u qed ikun ta' servizz għan-nies ta' Sannat. Is-sindku qal li dan is-servizz qed jiffranka li parti minn dan l-iskart jintrema fil-widien minn persuni irresponsabbli. Is-sindku semma wkoll li l-kuntrattur talab laqgħa mal-kunsill, peress li r-rati huma baxxi.

24.3.9 Ħarġet ċirkulari SPI/SCI/02/2026 marbuta ma' fondi disponibbli biex il-kunsill jagħmel cleanup campaign fir-raħal. Is-sindku qed jissuġġerixxi li jsiru T-shirts bl-arma tal-kunsill marbuta ma' din l-attività. Din l-attività tista' ssir mat-tfal tal-iskola kif ukoll mar-residenti. Il-kunsilliera Cassar Sultana semmiet li forsi jkun hemm xi studenti li jkunu interessati bħala parti mill-proġett tagħhom tas-SOK (Systems of Knowledge). Is-sindku qal li xi snin ilu l-kunsill kien ġabar l-iskart u poġġieh kollu fi Pjazzetta tax-Xelina. F'din l-attività, il-kunsill ried iwassal messaġġ li dan l-iskart qed jintrema b'mod illegali fil-kampanja madwar ir-raħal. Din l-attività tista' tiġi replikata din is-sena, u l-iskart li jinġabar jitpoġġa fil-pjazza tar-raħal biex ikun hemm aktar għarfien (awareness), għalkemm illum dan ir-rimi illegali fil-kampanja naqas ħafna, anki minħabba li llum il-ġurnata hemm faċilitajiet fejn jintrema l-iskart u aktar servizzi ta' ġbir ta' skart.

24.3.10 Is-sindku qal li kellu diskussjoni ma' persuna Maltija li toqgħod f'Ta' Sannat fi Triq Paranji, li taħdem fil-Ministeru tal-Ambjent, fejn ikkonferma li bħalissa għaddej proġett pilota biex jiġu identifikati żoni taħt l-art fejn jista' jiġi depożitat l-iskart. Din l-inizjattiva tgħodd ħafna għal dawk il-Maltin li jmorru lura Malta wara l-weekend u jkunu jistgħu jiddepożitaw il-borża s-sewda f'dawn iż-żoni ddenominati. Din il-persuna ssuġġeriet li bħala żona f'Ta' Sannat tintuża Triq Bebunaq, fejn hemm il-*bring-in site*, peress li hemmhekk hemm daħla u mill-wiċċ tat-triq 'il fuq isir żona ħadra żgħira. Is-sindku semma wkoll li l-boroż taż-żibel ikunu kodifikati u stampati, u dawn jinġabru mill-kunsill bi ħlas. B'dan il-proġett, il-gvern ikun qed jiffranka ħafna aktar flus u enerġija biex jinżamm ir-raħal nadif. Is-sindku qal li dan il-proġett irid ikun wieħed nazzjonali, bil-boroż suwed ma jibqgħux disponibbli fis-suq.

24.3.11 Il-viċi sindku qal li żewġ persuni li joqogħdu fl-inħawi ta' Skerla qed jilmentaw minn trab u ħmieġ taż-żwiemel. Is-sindku qal li l-kunsill ma jistax jagħmel aktar, peress li l-kennies qed jitla' regolarment f'dawn l-inħawi. Il-ħmieġ taż-żwiemel irid jitnaddaf mis-sidien tagħhom. Semma wkoll li l-bins tal-klieb qed jimtlew b'boroż tal-organic, nuqqas ta' responsabbiltà minn ċerti nies. Is-sindku qal li rċieva lment fuq ħmieġ f'għalqa privata, iżda bħala kunsill ma jistax jidħol inaddaf f'postijiet privati. Numru ta' persuni qed jissuġġerixxu li jsiru kameras tas-sigurtà, iżda, kemm isiru kameras, jekk ikun hemm persuni irresponsabbli xorta tibqa' l-problema.

## 24.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

24.4.1 Il-kunsillier Bajada ressaq suġġeriment li l-parti ta' fuq ta' Triq ta' Ċenċ fejn joqgħod il-viċi sindku għandha tinqala' iċ-*central strip* u tinżabaħ ma' l-art għax qed jinkisru t-tabelli kull darba xħin jgħaddu trailers li jduru għal Triq Gruwa. Is-sindku kkonferma, li l-kunsill kien tal-parir li jsir roundabout, pero', Transport Malta kienu oġġeżżjonaw u għamluha hekk. Fil-fatt, il-kunsill għandu korrispondenza li tmur lura fl-2016 u kienu anki ġew fuq il-post membri ta' Transport Malta. Il-kunsill ser jerġa' jagħmel it-talba ma' Transport Malta, pero', saħaq li x-xufiera għandhom ikunu responsabbli.

24.4.2 Il-kunsilliera Cassar Sultana saqsiet x'se jagħmel il-kunsill fuq Triq Marsilja, fejn qed ikun hemm parkeġġ doppju u tripplu. Is-sindku qal li bħala kunsill jistgħu jiżbgħu l-parking bays, iżda mbagħad jonqos il-parkeġġ. Is-sindku kkonferma li l-community police qed imorru fuq il-post, iżda ma jistgħux jibqgħu hemm erbgħa u għoxrin (24) siegħa kuljum. Ir-responsabbiltà hija dejjem tax-xufiera, speċjalment fir-rigward tal-limitu tal-veloċità f'żoni residenzjali. Il-kunsilliera Cassar Sultana saqsiet jekk tistax issir mera, u s-sindku wieġeb li din trid issir fuq pole sabiex ma tmissx mal-faċċata ta' dar.

24.4.3 Il-kunsillier Bajada qal li kellmuh xi persuni biex titwaħħal it-tabella bl-isem tat-triq 'Tal-Lewż'. Is-sindku qal li jridu jaraw fejn se titwaħħal, għax mal-ħajt propost ma tkunx taqbel ma' Triq il-Lewż. Fuq it-toroq, wieħed irid jimxi mar-reġistru elettorali u mhux mal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-kunsill se jibgħat email lill-street naming committee biex jiġi vverifikat. Is-

sindku se jiċċekkja wkoll fil-Gazzetta tal-Gvern meta ħareġ l-isem tat-triq u jaraw minn fejn tibda u tispiċċa t-triq. Fuq din it-triq ukoll, is-sindku qal li kien hemm *sleeping police* li nqalgħet, u huwa importanti li terġa' ssir wara li jiċċekkjaw ma' Transport Malta jekk kienx hemm il-permessi neċessarji.

## 24.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

24.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv bdiet il-komunikazzjoni tagħha billi qalet, li bħala kunsill iridu jagħżlu r-rebbieħ tal-premju Ġieħ Sannat u żgħażugħ/żgħażugħa tas-sena minn nominazzjonijiet mitfuha.

24.5.2 15.05 il-laqgħa ġiet sospiża

24.5.3 15.08 il-laqgħa tkompliet wara li l-kunsilliera ddeċiedew ir-rebbieħ ta' Ġieħ Sannat u ż-żgħażugħ/a tas-sena.

24.5.4 L-għaqda tan-nar Santa Margerita talbet lill-kunsill biex, bħal kull sena, iħallas l-assigurazzjoni tal-ħruq tan-nar għall-Wine Festival. Il-kunsilliera qablu li din titħallas, bħal kull sena.

24.5.5 Sfortunatament, il-fondi li kienu marbuta mad-dramm 'Ġrajjiet Sannat' ma ġewx approvati. Is-sindku qal li xorta kellem lil Sunny Scicluna biex jagħmel il-modifikazzjoni fl-iskript sabiex ikun aktar relevanti maż-żminijietna. B'dan id-dramm, iż-żgħażagħ Sannatin se jitgħallmu aktar dwar l-istorja tar-raħal tagħhom, kif ukoll ikollhom l-opportunità li jieħdu sehem f'dan id-dramm. Bħala kunsill, iridu jaħdmu biex iġibu l-fondi neċessarji biex jittella' dan id-dramm.

## 24.7 Attivitajiet Jum Sannat, Wine Festival, Festa Santa Margerita u Beer Festival

24.7.1 L-attività ta' Jum Sannat se ssir il-Ġimgħa, erbgħa u għoxrin (24) ta' April, fis-sala tal-iskola primarja. Din il-kommemorazzjoni ma tistax issir fl-1 ta' Mejju peress li ssir il-purċissjoni ta' San Ġużepp li toħroġ mill-knisja parrokkjali. Il-palk tal-Wine Festival jibda jitneħħa immedjatament wara sabiex ma jfixkilx l-attivitajiet. Il-Banda Santa Margerita se tkun mistiedna għal din l-attività, kif ukoll is-Sa Antonella Rapa u s-Sa Maria Curmi bħala kantanti.

24.7.2 Kif diġa ssemma f'laqgħat preċedenti, il-Wine Festival ser isir is-Sibt 2 ta' Mejju. Il-group *Straight Ahead* u Kurt Calleja ser ikunu il-mistiedna speċjali ta' din l-attivita. Il-kunsill qed jipprova li jġib *guest singer* għal din l-attivita, pero', s'issa mhemm xejn konfermat.
Il-kunsill irid jibda jaħdem fuq il-festa Santa Margerita, speċjalment fuq it-tiġrija taż-żwiemel. Is-sindku qal, li qed jistinka biex tingħata' it-tieni kisja tarmac fil-qasam ta' Sannat

24.7.3 għax inkella ma' tistgħax isiru dawn it-tiġrijiet taż-żwiemel. Marbuta mal-festa, il-kunsill irid iżid ukoll id-dramm 'Ġrajjiet Sannat', u għalhekk iridu jsibu data meta dan ser jittella. Is-sindku ssuġerixxa li jsir it-Tlieta tal-ġimgħa tal-festa waqt l-ikla, pero', il-kunsilliera Cassar Sultana qalet, li fl-opinjoni tagħha waqt l-ikla ikun hemm ħafna storbju u mhux l-idejali. Il-kunsilliera qablu li rigward id-data, din ser tiġi magħżula fil-laqgħat li ġejjin.

24.7.4 Il-*Beer Festival* ser tittella fit-tmienja (8) ta' Awwissu. Il-kunsill għadu ma' bediex jaħdem fuq din l-attivita' u l-preparamenti ser jibdew fil-jiem li ġejjin.

## 24.8 Ilmenti u suġġerimenti

24.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-kunsill irċieva ħafna lmenti rigward skart u indafa fir-raħal. Dawn ġew diskussi wkoll iktar qabel f'din il-laqgħa stess.

24.8.2 Persuni mid-dipartiment tal-Gvern lokali daru dawra mar-raħal u bagħtu lill-kunsill ritratti li fl-opinjoni tagħhom huma nuqqasijiet u li trid tittieħed azzjoni. Is-sindku qal, li fosthom kien hemm ritratti ta' Pjazza Cocco Palmieri u l-Belvedere ta' Triq 28 ta' April, fejn il-kunsill diġa għandu l-pjanijiet u l-fondi biex dawn jinqalgħu u jibda l-proġett ta' tisbiħ. Hemm ukoll xi sinjali u tabelli fi Triq ta' Ċenċ li qed jissuġerixxu li jinqalgħu wkoll, pero', dawn it-tabelli twaħħlu snin ilu mill-ministeru għal Għawdex u mhux mill-kunsill.

24.8.3 Il-viċi sindku semma wkoll li, waqt li kien hemm persuni li rringrazzjaw lill-kunsill minħabba l-qtugħ tal-ħaxix ħażin, xorta baqa' xi ħaxix ħażin mal-bankini u madwar il-konki tas-siġar. Is-sindku qal li kien miftiehem mal-ħaddiema biex imur magħhom, iżda filgħodu, meta ċemplilhom, qalulu li kienu marru l-ġurnata ta' qabel. Il-ħaddiema kellhom ordni mis-sindku biex jaqtgħu l-ħaxix ħażin kollu, kemm fuq il-bankini kif ukoll fit-toroq. Il-viċi sindku semma wkoll li hemm xi bins taż-żibel qed jimtlew, bis-sindku jisħaq li hawn nies irresponsabbli li qed jitfgħu l-borża s-sewda ġo dawn il-bins. Is-sindku kien issuġġerixxa xi snin ilu li jkun hemm van bis-CCTV cameras li jitpoġġa fejn ikun hemm l-abbuż ta' rimi ta' żibel.

24.8.4 B' referenza għall-ilment 26/2026, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira talab li ssir bankina u rampa quddiem ir-residenza tiegħu.

24.8.5 B'referenza għall-ilment 27/2026, residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira lmentat rigward l-istat tat-tarmac f'din it-triq speċjalment quddiem ir-residenza tagħha. Hija lmentat li hemm ħofra quddiem ir-residenza tagħha u qed issibuha diffiċli biex jidħlu u joħorġu mid-dar, dan

peress li l-ilma jżomm ġo fiha eżatt quddiem il-bieb. Hija lmentat ukoll li meta jgħaddu l-karozzi ittajjru l-ilma għall-entratura tagħhom.

24.8.6 B’ referenza għall-ilment 28/2026, resident li joqgħod fi Triq Skerla, ilmenta rigward boroż tal-iskart mormija f’din it-triq mhux fil-ġurnata li jinġabru.

24.8.7 B’ referenza għall-ilment 29/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward skart mormi fi Triq Skerla kantuniera ma Triq Palazz Palina.

24.8.8 B’ referenza għall-ilment 30/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward boroż tal-iskart fi Triq Palazz Palina.

24.8.9 B’ referenza għall-ilment 31/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward *dog bin* mimli fi Triq Skerla.

24.8.10 B’referenza għall-ilment 32/2026, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intervention Team MGP rigward tabella mkissra fi Triq Marsilja.

24.8.11 B’ referenza għall-ilment 33/2026, resident li joqgħod fi Triq Ta‘ Ċenċ talab li jitneħħa l-arblu faċċata ta construction site fi Triq Ta’ Ċenċ. Ma’ dan l-arblu m’hemmx servizzi għaddejjin.

24.8.12 B’ referenza għall-ilment 34/2026, saret talba biex issir un/loading bay fi Triq Xagħman.

## 24.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 04 /2026

24.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiva resqet l-iskeda ta' pagamenti Nru. 04/2026 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsillier Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 24.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

24.10.1 Il-laqgħa ntemmet fil-3.26pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal l-Erbgħa għoxrin (20) ta' Mejju fl-1.30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Mejju 2026

| | |
|---|---|
| (Iffirmata) | (Iffirmata) |
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |